MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2012

Numru. 807/2006

**PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**
**SPETTUR RODERICK ZAMMIT**
**VS**
**MICHAEL ZAHRA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Michael Zahra ta’ 34 sena, bin Alfred u Mary nee Spiteri imwieled l-Pieta fit-22 ta’ Settembru 1971, residenti gewwa l-Facilita Korretiva ta’Kordinu detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 440071(M).

Akkuzat talli:
F’Tas-Sliema, nhar l-04 ta’ Ottubru 2004, ghal-habta ta’ l-erbgha u ghoxrin minuta ta’ wara nofsinhar, bil-hsieb li

taghmel delitt u cioe ta' serq minn gewwa l-hanut Solid Gold Jewellers sitwat f'The Strand, Tas-Sliema ghad-dannu tas-Sidien u diretturi ta' l-istess hanut, urejt dan il-hsieb b'atti esterni u tajt bidu ghal-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghek u liema serq kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jaqbez il-mitt lira Maltin (LM100);

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamilt hsara f'vettrina fil-hanut Solid Gold Jewellers, Triq ix-Xatt, Sliema, ghad-dannu tas-sidien u diretturi ta' l-istess hanut, liema hsara kienet taqbez il-hamsin lira Maltin (LM50).

U fl-ahhar nett talli sar ricediv b'sentenzi tal-Qrati ta'Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu. Kif ukoll bi ksur tal-Probation a tenur ta' Artikolo 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u lliberat bil-kundizzjoni kontemplati fl-istess Artikolu.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol 81 ) fuq liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal datat 29 ta' April 2010 (a fol 88)fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet l-amissjoni ta' l-imputat fil-konfront ta'l-ewwel akkuza, ddikjarata fis-seduta tas-26 t'Ottubru 2010;

Semghet l-konferma ta' l-istess amissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal-ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din il-kawza tirrigwarda attentat ta' serq ta' gojjelerijia minn *Solid Gold Jewellers* Sliema, hsara volontarja f'vettrina ta' l-istess hanut, u akkuza ta' ricediva. Illi l-imputat irregistra amissjoni pjena ghall-ewwel akkuza (1) biss.

Illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma' jidirhx illi saret xi hsara fuq il-vettrina ta' l-istess hanut. Il-hsara allegata la tirrizulta mill-okkorenza DOK DZ (a fol 17), u lanqas mix-xhieda ta' Graziella Mifsud u Jane Cini u cioe iz-zewg *salesgirls* prezenti ghas-serqa.

Di piu Anthony Saliba (a fol 46) sid il-hanut lanqas ma allega li kien hemm xi hsara fuq il-vettrini tal-hanut. Ghaldaqstant ma tirrizultax approvata it-tieni akkuza (2).

Ghall- rigward ta' l-akkuza ta' ricediva din il-Qorti m'ghandiex alternattiva ghajr illi issib l-imputat mhux hati ta' din l-akkuza stante li l-prosekuzzjoni naqqset milli tezebixxi is-sentenzi relevanti u naqqset illi tipproduci ix-xhieda ta' l-identita' dwar l-istess .

Fuq l-istess amissjoni tieghu il-Qorti issib l-imputat hati ta' l-ewwel akkuza (1) , u tat-tielet (3) akkuza, mhux hati tat-tieni(2) li minnha tilliberah, u wara li rat Artikoli 41 (1) (a) , 261 (b) (c), 263, 267, 278 , 279 tal-Kodici Kriminali, l-Artikolu 7 tal-Kap 446, tqieghed lill-imputat **Michael Zahra taht Ordni ta' *Probation* ghall-perjodu ta' tlett snin (3),** taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-*Probation Services* jew *Probation Officer* iehor minnu nominat.

Din il-piena qedgha tigi akkordata, in vista tal-fatt illi minkejja illi l-imputat Zahra fil-passat kellu Fedina Penali impressjonanti, huwa min jeddu ghazel illi jaghmel programm ta' rijabilitazzjoni kontra droga li ezegwih b'success sostanzjali, u llum il-gurnata ghadu astinenti mid-droga. Illi din l-akkuza tmur lura ghall-perjodu ta' 2004, meta l-imputat kien ghadu mahkum mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti tordna illi kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-*Probation Services*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------